## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 11 ta' Novembru, 2015

**Talba Nru:** 194/14 DMA

**Harbour Management Limited**
**C 29326**

**Vs**

**M/S EL MARINERO**
**bastiment propjeta' ta' Marco Vella (ID. 321659M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-14 ta' Marzu, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet li l-bastiment jigi kkundannat sabiex ihallasha is-somma ta' elfejn mitejn u tlieta u disghin ewro u sitta u tletin centezmi (€2,293.36), naxxenti fil-konfront tal-bastiment konvenut fir-rigward ta' ptz fuq l-istess bastiment skont il-ligi applikabbli [art. 742B(c) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta], liema somma tirrizulta bhala pendenti sallum stante nuqqas ta' hlas tas-segwenti:

(a) bilanc ta' wiehed u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€41.68) minn somma akbar fuq fattura rif.RR1284 datata 24 ta' Marzu, 2011 (dwar, facilitajiet ta' irmigg oltre ghal provista ta' eletriku - ara kopja 'Dok A' hawn annessa);

(b) bilanc ta' tlieta u ghoxrin ewro u sittin centezmu (€23.60) minn somma akbar fuq fattura rif. RR1993datata 5 ta' Lulju, 2011 (dwar facilitajiet ta' irmigg - ara kopja dok.'B' hawn annessa);

(c) bilanc ta' hames mija sitta u sebghin ewro u zewg centezmi (€576.02) minn somma akbar fuq fattura rif. RR 3751 datata 29 ta' Settembru, 2011 (dwar facilitajiet ta' irmigg - ara kopja dok 'C' hawn annessa);

(d) bilanc ta' elf mija tnejn u hamsin ewro u sitt centezmi (€1,652.06) minn somma akbar fuq fattura rif. RR 4695 datata 3 ta' Mejju, 2012 (dwar facilitajiet ta' irmigg ara kopja dok 'D' hawn annessa) u dan kollu wkoll wara ftehim kuntrattwali bejn is-socjeta' attrici u l-bastiment konvenut datat 7 ta' Lulju, 2010 (kopja dok. 'E' hawn annessa) u debitament imgedded awtomatikament ghall-perjodu li dwaru jittrattaw il-fatturi pendenti.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra nterpellatorja datata 11 ta' Novembru, 2013 (kopja dok 'F' hawn annessa), flimkien ma' l-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-ligi mid-dati ta' hrug tal-fatturi rispettivi sad-data tal-pagament effettiv, ikoll kontrik bl-ingunzzjoni in subizzjoni kontra tieghek.

Il-bastiment konvenut propjeta ta’ Mario Vella ‘pprezenta risposta fejn eccepixxa illi preliminarjament jigi eccepit in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal sabiex jisma’ u jiddeciedi l-kaz odjern abbazi tal-Artikolu 15 tal-kuntratt (esebit bhala Dok. E mal-att promoter) stante li l-gurisdizzjoni hija vestita fi hdan it-Tribunal tal-Arbitragg;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, Mario Vella m’huwiex il-legittimu kontradittur stante li l-kuntratt (Dok. E esebit mal-att promotur) ma giex iffirmat minn Mario Vella izda mill-Kaptan. Mario Grech u stante wkoll li Mario Vella bhala s-sid

prezenti tal-bastiment qatt ma kien u m'huwiex il-persuna responsabbli in personam veru s-socjeta' attrici u konsegwentament ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Artikolu 742D tal-Kap. 12 mhux sodisfatt u konsegwentament ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-intimat jirrespingi l-pretensjonijiet kollha attrici fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont hekk kif dedott mhux dovut;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba ghall-hlas ta' imghaxijiet ghandha wkoll tigi michuda;

Illi fi kwalunkwe kaz l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, in vista ta' dak suespost, it-Tribunal huwa umilment mitlub sabiex jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat u konsegwentament jichad it-talbiet attrici hekk kif dedotti fl-intier taghhom, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Xehed Gennaro Scerri li spjega illi hu jiehu hsieb jinzel jiehu record tal-bastimenti prezenti fil-berth. Qal illi bejn Jannar 2011 u Lulju 2012 El Maniero kien prezenti. Sa l-ahhar tas-sena 2012 il-herth baqa' available ghal dan il-bastiment li ma uzahx. Ikkonferma ukollk li l-amonti mitlub fil-kawza ghadhom ma thallsux.

Xehed Clayton Hili li spjega illi bejn Gunju u Dicembru 2012 il-berth tal-El Marinero kien vacanti.

Permezz ta' affidavit xehed Piere Balzan direttur tal-kumpanija attrici fejn spjega kif spjega kif dahlet din il-kumpanija fl-operazzjoni tal-Marina.

Xehed il-Kaptan Mario Grech li qal ill hu ma jaqbilx ma ammont peress illi l-ammont ghola ghaliex id-dghajsa tieghu tqieset ta' 13-il metro meta hija ta' 11.63 metru. Spjega illi hu flimkien mas-sid il-gdid Mario Vella kien informa lil Gennaro Scerri li ma kienx ser jibqghu juzaw il-moll.

Xehed il-Kaptan il-gdid Mario Vella u kkonferma li Mario Grech kien informha lis-socjeta' attrici li El Marinero ma kienx ser jibqa' irrmugjat hemmhekk.

Il-Kaptan Mario Grech ikkonferma li hu kien ihallas permezz ta' cheaque dak li kien ihallas qabel u dawna c-cekkijiet dejjem issarfu.

Rega xehed viva voce Pierre Balzan li kompla jispjega kif waslu ghal ammont mitlub u dwar il-kuntratt offrut mis-socjeta' attrici.

It-Tribunal wara li semgha x-xhieda kollha prodotti mill-partijiet kif ukoll id-dokumenti prezentati u l-affidavits ipprezentati jinnota illi l-ewwek eccezzjoni tal-gurisduzzjoni giet irtirata fil-15 ta' Lulju, 2014.

Fir-rigward tat-talba tas-socjeta' attrici t-Tribunal jinnota illi l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet l-overall length tal-bastiment kien imnizzel bhala 11.63 metru. Dan il-kuntrart kien iffirmat miz-zewg partijiet u ghalhekk jorbothom it-tnejn. Ghalhekk il-kejl tal-bastiment ghandu jorbot dan u mhux kejl ikbar. Il-kontijiet prezentati kollha qed jikkalkulaw fuq 13-il metru li certament ma jirriflettix il-qies tal-bastiment.

Wiehed ghandu mbaghad jghaddi ghal fatt illi s-socjeta' attrici accettat il-pagament mill-Kaptan ta' dak iz-zmien. Il-fatt illi gie accettat dan il-pagament allura kien qed jghaddi l-messag illi dak l-ammont gie accettat u ma kienx fadal x'jithallas. Dan johrog ukoll il-fatt illi l-kaptan ma kienx qed jaqbel mal-kont fuq 13-il metru meta hija giet irregistrata fuq ftit iktar minn 11 –il metru.

Ghaldawn il-motivi t-Tribunal jichad il-talbiet attrici.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-kumpanija attrici.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**